



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10027/21
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0191(COD)

EF 206
ECOFIN 618
CODEC 935
ENV 446
SUSTDEV 86

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 391 final
Suġġett:	ANNESSI ta' Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 391 final.

Mehmuż: COM(2021) 391 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.7.2021
COM(2021) 391 final

ANNEXES 1 to 4

ANNESI

ta' [...]

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
il-bonds ekoloġiċi Ewropej**

{SEC(2021) 390 final} - {SWD(2021) 181 final} - {SWD(2021) 182 final}

ANNEX I

SKEDA INFORMATIVA DWAR IL-BOND EKOLOĠIKU EWROPEW

1. Informazzjoni ġenerali

- [Data tal-pubblikazzjoni tal-iskeda informativa dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej]
- [L-isem legali tal-mittent] [fejn disponibbli, identifikatur ta' entità ġuridika (LEI)], [indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif isir kuntatt, u numru tat-telefon]
- [Isem tal-bond assenjat mill-mittent] [fejn disponibbli, numri internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN)]
- [L-identità u d-dettalji ta' kuntatt tar-rieżaminatur estern, inkluż l-indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif għandhom jagħmlu kuntatt, u numru tat-telefown]

2. L-ażenżjoni mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej

[Dikjarazzjoni li turi li l-mittent tal-bond partikolari jaderixxi volontarjament mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament]

3. Strateġija ambjentali u raġuni fundamentali

- [Informazzjoni dwar kif il-bond jallinja ruħu mal-istrateġija ambjentali usa' tal-mittent]
- [L-għanijiet ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2020/852 segwiti mill-bond]

4. Allokazzjoni maħsuba tar-rikavat mill-bonds

4.1 Ħin Stmat sal-alkokazzjoni sħiħa tar-rikavati

- [Il-perjodu li fih huwa mistenni li jiġi allokati ir-rikavat]
- [Id-data sa meta r-rikavati huma mistennija li jiġu allokati bis-sħiħ]
- [Jekk id-data ta' hawn fuq tkun aktar minn ħames snin wara d-data tal-ħruġ tal-bond: ġustifikazzjoni għall-perjodu itwal, ibbażata fuq il-karatteristiċi speċifiċi tal-attivitajiet ekonomiċi kkonċernati, akkumpanjata mid-dokumentazzjoni rilevanti f'anness]

4.2 Proċess għall-għażla ta' proġetti ekoloġiċi u stima tal-impatt ambjentali

- [Deskrizzjoni tal-proċessi li bihom il-mittent se jiddetermina kif il-proġetti jallinjaw mal-kriterji tat-tassonomija]
- [Deskrizzjoni tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar rilevanti msemmija fl-Artikoli 10 sa 15 tar-Regolament (UE) 2020/852, u speċifikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) u 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 huma kkunsidrati]
- [Fejn disponibbli: informazzjoni dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-metriċi tal-impatt ewlenin skont l-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) u 15(2) tar-Regolament]

(UE) 2020/852, u għal kwalunkwe metrika tal-impatt addizzjonali. Fejn din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, dan għandu jiġi ġġustifikat.]

- [Fejn applikabbli, informazzjoni dwar kwalunkwe standardizzazzjoni jew proċess ta' ċertifikazzjoni relatati fl-għażla tal-proġetti]
- [Fejn disponibbli, stima tal-impatti ambjentali pożittivi u negattivi mistennija f'forma aggregata. Fejn din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, dan għandu jiġi ġġustifikat.]

4.3 Proġetti ekoloġiċi intenzjonati li jikkwalifikaw

[Fejn disponibbli għall-mittent, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta fil-livell tal-proġett, sakemm ftehimiet ta' kunfidenzjalità, kunsiderazzjonijiet kompetittivi, jew għadd kbir ta' proġetti kwalifikanti sottostanti jillimitaw l-ammont ta' dettall li jista' jsir disponibbli, f'liema każ l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta mill-inqas fil-livell aggregat, bi spjegazzjoni għaliex l-informazzjoni fil-livell tal-proġett ma tingħatax:

Għal proġetti intenzjonati li jikkwalifikaw:

- L-oġettivi ambjentali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2020/852
- It-tipi, is-setturi, u l-kodiċijiet NACE rispettivi tagħhom skont il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006¹
- Il-pajjiżi tagħhom
- L-ammont rispettiv li għandu jiġi allokat mir-rikavat tal-bonds, u l-perċentwal tar-rikavat li għandu jiġi allokat rispettivament għal proġetti ffinanzjati wara l-ħruġ ta' bonds u proġetti ffinanzjati qabel il-ħruġ ta' bonds
- Meta l-mittent ikun sovrani, u r-rikavati mill-bonds ikunu ppjanati li jiġu allokati għall-eżenzjoni mit-taxxa msemmija fl-Artikolu 4(2), punt (c), stima tal-volum mistenni tat-telf tad-dħul assoċjat mal-eżenzjoni mit-taxxa eliġibbli
- Fejn bond jikkofinanzja proġetti intenzjonati li jikkwalifikaw, indikazzjoni tal-proporzjon iffinanzjat mill-bond
- Fejn disponibbli, links għas-siti web b'informazzjoni rilevanti
- Fejn disponibbli, links għal dokumenti pubbliċi rilevanti b'informazzjoni aktar dettaljata]

4.4 Rikavat mhux allokat

[Informazzjoni dwar kif l-użu temporanju tar-rikavat mhux allokat mhux se jaffettwa t-twerttiq tal-oġettivi ambjentali]

5. Tagħrif dwar ir-rapportar

- [Link għas-sit web fejn se jiġu ppubblikati r-rapporti dwar l-allokazzjoni u r-rapporti

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

tal-impatt] – [Indikazzjoni ta' jekk ir-rapporti dwar l-allokazzjoni humiex se jinkludu informazzjoni għal kull proġett dwar l-ammonti żborżati u l-impatti ambjentali pożittivi u negattivi mistennija]
6. Informazzjoni oħra rilevanti

ANNEX II
RAPPORT ANNWALI DWAR L-ALLOKAZZJONI TAL-BONDS EKOLOĠIĊI EWROPEJ

[fejn ir-rapport tal-allokazzjoni jiġi rieżaminat, it-titolu għandu jirrifletti dan]
1. Informazzjoni ġenerali – [Id-data tal-pubblikazzjoni tar-rapport dwar l-allokazzjoni] [fejn applikabbli, id-data tal-pubblikazzjoni tar-rapport dwar l-allokazzjoni finali jew id-data tal-pubblikazzjoni tar-rapport rivedut dwar l-allokazzjoni]] – [L-isem legali tal-mittent] [fejn disponibbli, LEI], [indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif għandhom jagħmlu kuntatt, u numru tat-telefon] – [Isem tal-bond assenjat mill-mittent] [fejn disponibbli, ISIN] – [fejn ir-rapport tal-allokazzjoni kien soġġett għal rieżami ta' wara l-ħruġ, l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tar-rieżaminatur estern, inkluż indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif għandhom jagħmlu kuntatt, u numru tat-telefon]
2. L-adeżjoni mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej [Dikjarazzjoni li turi li r-rikavati ġew allokati skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament]
3. Allokazzjoni ta' rikavati minn bonds A. Għall-mittenti ħlief daww imsemmija fil-punt B hawn taħt: [L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta fil-livell tal-proġett, sakemm il-ftehimiet ta' kunfidenzjalità, il-kunsiderazzjonijiet kompetittivi, jew għadd kbir ta' proġetti kwalifikanti sottostanti jillimitaw l-ammont ta' dettall li jista' jsir disponibbli, f'liema każ l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta mill-inqas fil-livell aggregat, bi spjegazzjoni għaliex l-informazzjoni fil-livell tal-proġett ma tingħatax:] – L-oġġettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2020/852 – It-tipi u s-setturi tal-proġetti, u l-kodiċijiet NACE rispettivi tagħhom skont il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006² – Il-pajjiżi fejn ġew allokati r-rikavati mill-bonds – L-ammont rispettiv allokati mir-rikavati tal-bonds, u l-perċentwal tar-rikavati allokati rispettivament għal proġetti ffinanzjati wara l-ħruġ ta' bonds u proġetti ffinanzjati qabel il-ħruġ ta' bonds – Meta l-mittent ikun sovrani, u r-rikavati mill-bonds jiġu allokati għall-eżenzjoni mit-taxxa msemmija fl-Artikolu 4(2), punt (c), stima tal-volum tat-telf tad-dħul assoċjat

² Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

	mal-eżenzjoni mit-taxxa eliġibbli – Fejn bond jikkofinanzja proġetti li jikkwalifikaw, indikazzjoni tal-proporzjon ifffinanzjat mill-bond – Għal assi li huma kkonċernati minn pjan ta' allinjament tat-tassonomija: il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan matul il-perjodu ta' rapportar, u d-data stmata tat-tlestija; – Konferma tal-konformità mal-Punt (c) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 (salvagwardji minimi) – Indikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 intużaw biex jiġu ddeterminati l-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-tassonomija, u d-dati tal-applikazzjoni tagħhom]
	B. Għall-mittenti li huma impriżi finanzjarji li jallokaw rikavati minn portafoll ta' diversi bonds ekoloġiċi Ewropej għal portafoll ta' assi finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 5:
	[It-Taqsima “Allokazzjoni tar-rikavati tal-bonds” għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:
	– Ħarsa ġenerali lejn il-bonds ekoloġiċi Ewropej pendenti kollha, li tindika l-valur individwali u kkombinat tagħhom. – Ħarsa ġenerali lejn l-assi finanzjarji eliġibbli kif imsemmija fl-Artikolu 5 fuq il-karta tal-bilanċ tal-mittent, li tindika: a) il-valur totali amortizzat tagħhom, b) l-oġettivi ambjentali imsemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852, c) it-tipi, is-setturi u l-pajjiżi tagħhom, d) fejn bond jikkofinanzja proġetti li jikkwalifikaw, indikazzjoni tal-proporzjon ifffinanzjat mill-bond, fejn disponibbli, e) indikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 intużaw biex jiġu ddeterminati l-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-tassonomija, mill-inqas fil-livell settorjali u tal-pajjiż, u fejn applikabbli, fil-livell tal-assi individwali, f) fejn rilevanti, il-valur ta' kull assi, jew grupp ta' assi – Paragun tal-valur totali tal-bonds ekoloġiċi Ewropej pendenti u l-valur amortizzat totali tal-assi finanzjarji eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 5. Il-paragun għandu juri li tal-aħħar huwa jew daqs jew ogħla minn tal-ewwel. – Għall-finijiet tal-paragun ta' hawn fuq, il-valur totali pendenti tal-bonds ekoloġiċi Ewropej għandu jkun ibbażat fuq il-medja annwali tal-valuri trimestrali ta' tali bonds maħruġa minn dak il-mittent, u l-valur amortizzat totali tal-assi finanzjarji għandu jkun ibbażat fuq il-medja annwali tal-valuri trimestrali ta' dawn l-assi fuq il-karta tal-bilanċ tal-mittent.]
	4. L-impatt ambjentali tar-rikavati mill-bonds [L-ebda informazzjoni mhi meħtieġa taħt din l-intestatura għal dan ir-rapport]
	5. Informazzjoni oħra rilevanti

ANNEX III

RAPPORT DWAR L-IMPATT TAL-BONDS EKOLOĠIĊI EWROPEJ

[Fejn ir-rapport tal-impatt jiġi rivedut, it-titolu għandu jirrifletti dan.]

1. Informazzjoni ġenerali

- [Data tal-pubblikazzjoni tar-rapport tal-impatt] [fejn applikabbli, Data tal-pubblikazzjoni tar-rapport tal-impatt rivedut]
- [L-isem legali tal-mittent] [fejn disponibbli, LEI], [indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif għandhom jagħmlu kuntatt, u numru tat-telefon]
- [Isem tal-bond assenjat mill-mittent] [fejn disponibbli, ISIN]
- [fejn ir-rapport tal-impatt ġie vvalutat minn rieżaminatur estern, l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tar-rieżaminatur estern, inkluż l-indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif għandhom jagħmlu kuntatt, u numru tat-telefon]

2. Strateġija ambjentali u raġuni fundamentali

- [Informazzjoni dwar kif il-bond jallinja ruħu mal-istrateġija ambjentali usa' tal-mittent kif stabbilit fl-iskeda informattiva]
- [Fejn applikabbli, spjegazzjoni ta' kwalunkwe bidla fl-istrateġija ambjentali usa' tal-mittent mill-pubblikazzjoni tal-iskeda informattiva]
- [L-oġġettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2020/852 segwiti mill-bond]

3. Allokazzjoni ta' rikavati minn bonds

[L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta fil-livell tal-proġett, sakemm il-ftehimiet ta' kunfidenzjalità, il-kunsiderazzjonijiet kompetittivi, jew għadd kbir ta' proġetti kwalifikanti sottostanti jillimitaw l-ammont ta' dettall li jista' jsir disponibbli, f'liema każ l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta mill-inqas fil-livell aggregat, bi spjegazzjoni għaliex l-informazzjoni fil-livell tal-proġett ma tingħatax:

- L-oġġettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2020/852,
- It-tipi u s-setturi ta' proġetti, u l-pajjiżi fejn ġew allokat i-rikavati mill-bonds
- L-ammont rispettiv li għandu jiġi allokat mir-rikavati tal-bonds, u l-perċentwal tar-rikavati li għandhom jiġu allokat i-rispettivament għal proġetti ffinanzjati wara l-ħruġ ta' bonds u proġetti ffinanzjati qabel il-ħruġ ta' bonds
- Meta l-mittent ikun sovrani, u r-rikavati mill-bonds jiġu allokat i għall-eżenzjoni mit-taxxa msemmija fl-Artikolu 4(2), punt (c), stima tal-volum tat-telf tad-dħul assoċjat mal-eżenzjoni mit-taxxa eliġibbli
- Fejn bond jikkofinanzja proġetti li jikkwalifikaw, indikazzjoni tal-proporzjon iffinanzjat mill-bond
- Fejn applikabbli, indikazzjoni ta' dawk l-assi li kienu kkonċernati minn pjan ta' allinjament tat-tassonomija, it-tul ta' żmien ta' kull pjan, u d-data tat-tlestija ta' kull assi

–	Indikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 intużaw biex jiġu ddeterminati l-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-tassonomija, u d-data tal-applikazzjoni tagħhom]
4. L-impatt ambjentali tar-rikavati mill-bonds	
–	[Stima tal-impatti ambjentali pożittivi u negattivi f'forma aggregata]
–	[Informazzjoni dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu evalwati l-impatti tal-proġetti, fejn l-iskeda informattiva tal-bonds ekoloġiċi Ewropej tal-bond ma kinitx tinkludi din l-informazzjoni]
–	[Informazzjoni dwar l-impatti ambjentali pożittivi u negattivi tal-proġetti u, fejn disponibbli, metriċi relatati. Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli fil-livell tal-proġett, dan irid jiġi ġġustifikat]
5. Informazzjoni oħra rilevanti	

ANNEX IV:

KONTENUT TAR-RIEŻAMIJET TA' QABEL IL-ĦRUĠ U TA' WARA L-ĦRUĠ

It-titolu “Rieżami ta' qabel il-ħruġ” jew “Rieżami ta' wara l-ħruġ” għandu jidher b'mod prominenti fin-naħa ta' fuq tal-ewwel paġna tad-dokument	
1.	Informazzjoni ġenerali
–	[Data tal-pubblikazzjoni tar-rieżami ta' qabel il-ħruġ jew ir-rieżami ta' wara l-ħruġ]
–	[L-isem legali tal-mittent]
–	[L-isem tal-bond assenjat mill-mittent] [fejn disponibbli, ISIN]
–	[L-identità u d-dettalji ta' kuntatt tar-rieżaminatur estern, inkluż l-indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif għandhom jagħmlu kuntatt, u numru tat-telefown]
–	[L-isem u t-titlu tal-impjeg tal-analista ewlieni f'attività ta' valutazzjoni partikolari]
–	[L-isem u l-pożizzjoni tal-persuna primarjament responsabbli għall-approvazzjoni tar-rieżami ta' qabel il-ħruġ jew ir-rieżami ta' wara l-ħruġ]
–	[Id-data li fiha r-rieżami ta' qabel il-ħruġ jew ir-rieżami ta' wara l-ħruġ ġie rilaxxat għall-ewwel darba għad-distribuzzjoni u, fejn rilevanti, meta ġie aġġornat l-aħħar]
2.	Stqarrijiet introduttorji
[Għar-rieżamijiet ta' qabel il-ħruġ:	
–	Dikjarazzjoni li rieżaminatur estern ikun ivvaluta l-iskeda informattiva dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej kompluta stabbilita fl-Anness I skont dan ir-Regolament;
–	Dikjarazzjoni li dan ir-rieżami ta' qabel il-ħruġ jirrappreżenta opinjoni indipendenti tar-rieżaminatur estern;

–	Dikjarazzjoni li l-opinjoni indipendenti tar-rieżami estern għandha tiġi fdata biss sa ċertu punt;] [Għar-rieżamijiet ta' wara l-ħruġ: – – –
3.	Dikjarazzjonijiet dwar il-konformità mar-Regolament dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej [dikjarazzjoni dwar il-konformità tal-bond ekoloġiku Ewropew ma' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari: (a) (b) (c)
4.	Sorsi, metodoloġiji ta' valutazzjoni, u suppożizzjonijiet ewlenin – – –
5.	Valutazzjoni u opinjoni [Għar-rieżamijiet ta' qabel il-ħruġ: – –

[Għar-rieżamijiet ta' wara l-ħruġ:

- Valutazzjoni dettaljata dwar jekk il-mittent alloka ir-rikavat tal-bond f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7 ta' dan ir-Regolament, abbażi tal-informazzjoni pprovduta lir-rieżaminatur estern
- Valutazzjoni ta' jekk il-mittent ikkonforma mal-użu maħsub tar-rikavat stabbilit fl-iskeda informattiva tal-bonds ekoloġiċi, abbażi tal-informazzjoni pprovduta lir-rieżaminatur estern
- L-opinjoni tar-rieżaminatur estern dwar iż-żewġ valutazzjonijiet imsemmija direttament hawn fuq]

6. Kull informazzjoni oħra

[Kull informazzjoni oħra li r-rieżaminatur jista' jqis rilevanti għar-rieżami tiegħu ta' qabel jew ta' wara l-ħruġ]